**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 22 ta' Jannar 2021**

**Rikors Numru 124/2019**

**Fl-Atti tal-Ittra Ufficjali Numru 1057/18 fl-ismijiet:**

**Automated Revenue Management Services Limited (C-46054) f'isimha proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tal-Enemalta plc u tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma**

**Vs**

**Gozo Caterers Limited (C-4338)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti **Gozo Caterers Limited** ipprezentat fl-20 ta' Gunju 2019 li permezz tieghu esponiet is-segwenti :

*"Illi l-esponenti qieghda tipprezenta dana r-rikors ai fini tal-artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) wara li giet notifikata bl-ittra ufficjali tas-16 ta' April 2018 surreferita, li permezz taghha s-socjeta' attrici interpellat lill-esponenti sabiex thallas is-somma ta' elf sitt mija u disgha u tletin ewro u sitta u tletin centezmu (€1,639.36) rapprezentanti allegat bilanc dovut lis-socjeta' ARMS Limited f'isimha proprju u ghan-nom ta' Enemalta p.l.c. u l-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma, ghal servizzi u simili allegatament provduti.*

*1) Illi preliminarjament jinghad illi l-hlas kif mitlub mis-Socjeta' attrici hu milqut mill-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156 subinciz (f) u Artikolu 2156 subinciz (g) tal-Kodici Civili (Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) peress li l-ammont reklamat jirreferi ghal perjodu li jmur oltre minn hames (5) snin.*

*2) Inoltre, bla ebda pregudizzju ghal dik l-eccezzjoni preliminari, it-talba ghall-flus kif dedotta fl-ittra ufficjali surreferita hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont hekk kif reklamat mhuwiex dovut, skont kif jigi muri fil-kawza.*

*3) Illi ghalhekk l-ammont reklamat fl-ittra ufficjali fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) numru 1057/18 mhuwiex cert, likwidu u dovut, u ghalhekk il-procedura taht l-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija stultifikata.*

*4) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi u ghar-ragunijiet li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-esponenti a tenur tal-Artiklu 466(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talba ta' ARMS Limited f'isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta p.l.c. u l-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma (Water Services Corporation) bhala wahda infondata u dan previa kull provvediment jew dikjarazzjoni ohra li jidhrilha xieraq u opportun li taghti."*

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata **Automated Revenue Management Services Limited** ***proprio et nomine***ipprezentata fit-23 ta' Lulju 2019 li permezz taghha esponiet is-segwenti :

*"1. Illi, is-Socjeta' Automated Revenue Management Services Limited pro et noe hija kreditrici tar-rikorrent fl-ammont kumplessiv ta' elf, sitt mija u disgha u tletin Ewro u sitta u tletin centezmu (€1,639.36) rapprezentanti konsum ta' ilma u dawl, kera ta' meters tal-ilma u tad-dawl, spejjez amministrattivi, connection u disconnection fees, flimkien ma' imghax dovut skont il-ligi relatati mal-kontijiet tas-servizzi utili indikati fl-imsemmija ittra ufficjali bin-numru 1057/2018, u ghalhekk l-ammont huwa dovut mir-rikorrent kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*2. Illi, nonostante dak eccepit mir-rikorrent fir-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, is-Socjeta' esponenti umilment tirrileva li din ghandha tigi michuda stante li saru pagamenti akkont li certament intorrempew it-terminu tal-preskrizzjoni;*

*3. Illi, di piu' l-ammont ghadu dovut stante li l-kont ghadu attiv;*

*Ghaldaqstant b'rizerva ghal kull prova ohra kif ikun mehtieg li tingieb, bil-permess ta' din il-Qorti, is-Socjeta' esponenti titlob li din l-istess Qorti tichad it-talba tar-rikorrent bhala minghajr bazi fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara l-ittra ufficjali numru 1057/2018 ipprezentata ai termini tal-Art. 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, hija reza ezekuttiva kontra r-rikorrenti."*

Rat illi dan ir-rikors thalla ghal-lum ghal sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mir-rikorrent fir-rikors tieghu;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet dwar l-istess pregudizzjali.

**Ikkunsidrat :**

Illi dawn il-proceduri inbdew wara li s-socjeta` intimata *proprio et noe* (iktar 'il quddiem is-socjeta` intimata) intimat lis-socjeta` attrici permezz ta' ittra ufficjali Numru 1057/18 sabiex thallas l-ammont ta' elf, sitt mija u disgha u tletin ewro u sitta u tletin centezmu (€1,639.36) rapprezentati bilanc dovut ghal konsum t'ilma, dawl u spejjez amministrattivi, *connection* u *disconnection fees*, flimkien ma' imghax dovut skont il-ligi.

Illi s-socjeta` rikorrenti tishaq illi tali ammont huwa preskritt ai termini tal-artikolu 2156 (f) u (g) tal-Kodici Civili, u *cioe`*, bid-dekors ta' hames snin. Da parti taghha, is-socjeta` intimata tishaq illi l-preskrizzjoni giet interrotta stante li saru pagament akkont.

Illi mix-xhieda ta' Reuben Bonnici, ufficjal tas-socjeta` intimata, jirrizulta illi s-socjeta` rikorrenti ghamlet l-ahhar pagament fit-12 ta' Dicembru 2015 u dan kif jirrizulta minn Dokument RB3 a fol. 20 tal-process. Jirrizulta, illi dan il-pagament kien ta' mitt ewro (€100) u sar minn xi fergha tal-Maltapost. L-istess saru zewg pagamenti precedenti ta' mitt ewro (€100)-il wiehed, u cioe` pagament fit-8 ta' Ottubru 2015 u pagament iehor fit-2 ta' Settembru 2015.

Illi l-artikoli tal-ligi li fuqhom qieghda tistrieh is-socjeta` rikorrenti jipprovdu illi l-krediti pretizi mis-socjeta` intimata jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' hames snin.

Illi mir-rendikont esebit minn Reuben Bonnici jirrizulta illi l-ahhar pagament li s-socjeta` rikorrenti ghamlet akkont kien **f'Dicembru 2015** filwaqt li s-socjeta` intimata pprezentat ittra ufficjali fis-16 ta' April 2018 u r-rikorrenti ipprezenta l-proceduri odjerni fl-20 ta' Gunju 2019. Kwindi jirrizulta car illi bejn l-ahhar pagament u l-prezentata tal-ittra ufficjali, li permezz taghha giet interrotta l-preskrizzjoni, ma ghaddewx hames snin. Illi ghalkemm din il-Qorti m'ghandhiex prova ta' meta` giet notifikata s-socjeta` rikorrenti, stante li mill-kopja tal-ittra ufficjali esebita dan ma jirrizultax b'mod

car[1], xorta wahda it-terminu *entro* liema giet notifikat l-istess socjeta` ma jmurx oltra l-hames snin, u dan ghaliex fl-ewwel paragrafu tar-rikors taghha l-istess socjeta` tghid *"Illi l-esponenti qeghda tipprezenta dana r-rikors ai fini tal-artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta)* ***wara li giet notifikata bl-ittra ufficjali tas-16 ta' April 2018****…."*.[2] Illi, iktar minn hekk, fin-nota ta' sottomissjonijet taghha, is-socjeta` attrici qieghda tikkampa fuq il-fatt li l-ittra ufficjali *de quo* ma interrompietx il-preskrizzjoni ghaliex ma gietx notifikata fi zmien xahar minn meta għalaq l-aħħar jum taż-żmien li hemm għall-preskrizzjoni. Illi kjarament dan mhux il-kaz ghaliex il-hames (5) snin bdew jiddekorru mill-ahhar pagament akkont, u cioe`mit-12 ta' Dicembru 2015 u kwindi s-socjeta` intimata riedet tinnotifika l-ittra ufficjali sat-12 ta' Jannar 2021.

Pero`, iktar minn hekk, huwa manifest ukoll illi anke kieku kellu jigi ammess illi f'dan il-kaz hija applikabbli l-preskrizzjoni eccepita taht l-Artikolu 2156 (f) u (g) tal-Kodici Civili, il-Qorti xorta wahda tqis illi s-socjeta` rikorrenti ma taghtx effett lill-preskrizzjoni minnha eccepita. Dan ghaliex bhala l-eccipjent tal-preskrizzjoni f'dan il-kaz, is-socjeta` rikorrenti ma segwietx il-procedura rikjesta *ad validitatem* mill-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili. Dan l-Artikolu jistipula illi:-
"

***(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.***

***(2) …***

***(3) Fil-proċeduri għall-ġbir ta' debiti li għalihom hemm referenza fil-proviso għall-artikolu 2156, meta parti tagħti ġurament li hija mhijiex debitur, din trid tagħti raġunijiet għaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur."***

Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***P&S Limited et vs Noel Zammit et***, deciza fis-16 ta' Frar 2018 moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fejn gie trattat l-emendi li saru fl-Artikolu 2160:- *"… l-eccezzjoni taht artiklu 2156(f) u (d) tal-Kodici Civili ma tirnexxix ghas-semplici*

[1] Stante li l-ahhar data ta' notifika hija dik tal-pubblikazzjoni tal-Gazzetta tal-Gvern datata 3 ta' Dicembru 2019, pero` m'hemmx prova li saret pubblikazzjoni f'gazzetta lokali ai termini tal-artikolu 187 (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

[2] Enfasi tal-Qorti

*raguni li jkunu ghaddew hames snin. It-terminu imsemmi fir-rigward tal-artikoli 2156(d) u (f) tal-Kodici Civili huwa biss wiehed u mhux l-uniku ingredjent biex tirnexxi din id-difiza. Dak li jiddisponi dan l-artiklu jrid ikun abbinat mal-ingredjent l-iehor kumulattiv ta' natura procedurali, li jikkommina l-artiklu 2160 (1) tal-Kodici Civili."*

Konsegwentement, il-Qorti hija tal-fehma illi s-socjeta` rikorrenti ma issodisfatx il-vot tal-ligi biex tista' tibbenefika mill-preskrizzjoni qasira minnha eccepita. Dan ghaliex bl-emenda li saret bl-Att I tal-2017, li gie fis-sehh fit-13 ta' Jannar 2017, is-sitwazzjoni llum hi li galadarba eccepita l-preskrizzjoni partikolari msemmija fl-Artikolu 2160, is-socjeta` rikorrenti kellha minn jeddha tghid bil-gurament waqt il-kawza, li ma tafx li hi debitrici. Fi kliem iehor, il-legislatur impona fuq min jeccepixxi l-preskrizzjoni l-obbligu li jiehu l-gurament, billi nehha minn fuq spallejn il-kreditur l-obbligu li jaghti huwa stess lid-debitur il-gurament decizorju, b'dan illi fin-nuqqas li d-debitur jixhed minn jheddu li mhux debitur, ma jkunx jista' jiehu beneficcju minn din il-preskrizzjoni qasira.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' hames (5) snin a tenur tal-Artikolu 2156 (f) u (g) tal-Kodici Civili sollevata mis-socjeta` rikorrenti, tordna l-prosegwiment tas-smiegh tar-rikors.

Spejjez ta' din l-istanza a karigu tas-socjeta` rikorrenti.

______________________

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

____________

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**